MALTA

# FIL-BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

Rikors Numru 5/2018

**L-Avukat Dr Louis Camilleri Preziosi, it-Tabib Dr Victor Preziosi, it-Tabib Dr Josef Preziosi, it-Tabib Dr Maro Hero Preziosi u Roberto Hero Preziosi**

**vs**

**Awtorita' Tal-Artijiet**

**Seduta mizmuma llum 26 ta' Settembru 2018**

**Decizjoni Parzjali**

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fl-4 ta' April 2018 minn Dr Louis Camilleri Preziosi et fejn talbu s-segwenti:

1. *Illi l-esponenti huma s-sidien ta' porzjoni art fl-Imriehel limiti Birkirkara tal-kejl ta' cirka disa' mija u tmenin metri kwadri (980m2) murija fuq il-pjanta annessa.*

2. *Illi dina l-porzjoni art hija soggetta ghal proceduri ta' esproprijazzjoni skont dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 23 ta' April 1992 u ppubblikata bhala Avviz numru 259 fil-Gazzetta tal-Gvern, formanti parti mill-art deskritta fil-paragrafu 18.*

3. *Illi l-esponenti kienu taw prova tat-titlu taghhom (file ref: 118/91/11/18) lill-Kummissarju tal-Artijiet li sussegwentement intalab ripetutament biex jersaq biex jiddikjara kemm hu lest joffri bhala kumpens u giet ipprezentata wkoll ittra ufficjali fis-6 ta' Dicembru 2013 bin-numru 3745/13, izda l-Kummissarju tal-Artijiet u issa l-intimat ma hadu l-ebda azzjoni hlief ittra ufficjali responsiva. Ghalhekk kellha issir din l-kawza.*

   *Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dan il-Bord, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment li hemm bzonn:*

   *a) jiddetermina illi l-esponenti huma s-sidien tal-imsemmija porzjoni art fuq indikata;*
   *b) jiffissa l-prezz jew kumpens dovut lill-esponenti et sequitur Kap 573 bl-ghajnuna okkorrendo tal-periti membri ta dan il-Bord;*
   *c) jiffissa l-imghax dovut skont l-istess ligi*
   *d) u jaghti dawk il-provediment kollha li hemm bzonn*

Ra d-dokumentazzjoni esebita, ossija site plan (fol 3), Avviz Nru 259 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April 1992 (fol 4), l-Ittra Ufficjali tar-rikorrenti Numru 3745/13 datata 6 ta' Dicembru 2013 (fol 7) u l-ittra responsiva tal-Kummissarju tal-Artijeit datata 23 ta' Dicembru 2013 (fol 8)

Ra ir-risposta ta' l-Awtorita tal-Artijiet datata 7 ta' Mejju 2018 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet fug imsemmija fit-13 ta' April, 2018 u l-Onorabbli Bord ta' lill-istess esponenti sas-7 ta' Mejju, 2018 biex tirrispondi;*

2. *Illi preliminarjament I-awtorita' esponenti tressaq l-eccezzjoni tal-gudikat ghaliex diga kien hemm sentenza fuq I-istess binarji mill-istess Bord tal-Arbitragg diversament presedut, fl-24 ta' Marzu, 2011 taht il-Kap 88 (Ara Dok A anness), liema kawza kellha I-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi) u dawn l-elementi jikkonkorru, w'ghaldaqstant fic-cirkustanzi dan il-Bord ghandu jigis din il-kawza wahda improponibbli;*

3. *Illi sussidjarjament, jekk l-ewwel eccezzjoni ma tintlaqax, ir-rikorrenti iridu jissudisfaw lil dan I-Onorabbli Bord illi huma tassew is-sidien ta' l-art in kwistjoni;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, Art 64. (1) tal-Kap 573 jghid illi: "Meta art tkun soggetta ghal dikjarazzjoni qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u l-Gvern ikun ha l-pussess taghha izda ma jkun qatt inhareg avviż tal-ftehim jew ikun gie indikat il-kumpens ghall-akkwist ta' dik l-art, kull min juri ghas-sodisfazzion tal-Bord tal-Arbitragg li huwa sid b'titolu validu ta' propjetà fuq dik l-art jista jitlob li dik I-art tigi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità.*

   *(2) Din l-azzjoni ghandha ssir permezz ta rikors ippreżentat fir-Registru tal-Bord tal-Arbitragg li ghandu jigi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta ghoxrin jum biex twiegeb minn mindu tigi notifikata bir-rikors."*

5. *Illi dan ifisser illi l-azzjoni vera u propja hija wahda li permezz taghha r-rikorrenti jitolbu li l-art tigi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorita' u li t-talbiet ghall-kumpens u talbiet ohra huma merament ancillari ghal dik it-talba;*

6. *Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti m'huma jaghmlu l-ebda talba ghall-akkwist b'xiri assolut izda biss talba ghall-kumpens;*

7. *Illi galadarba din it-talba m'hijiex issir mir-rikorrenti kull talba ohra li tipprexindi minnha hija bla bazi u ghandha tigi michuda;*

8. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-awtorita' esponenti ssostni illi l-art in kwistjoni ghadha mehtiega ghal skopijiet pubblici kif ser jigi muri ahjar fi-mori tal-kawza odjerna, jekk ikun il-kaz, hlief ghall-parti li ma gietx utilizzata liema parti l-Awtorita' qieghda fil-process li tirrilaxxa;*

9. *Illi rigward l-interessi l-awtorita' intimata ssostni l-punt maghmul aktar il-fuq u cioe illi l-interessi huma ancillari ghal talba ta' akkwist b'xiri assolut liema talba ma saritx fil-kawza odjerna, pero' jekk din l-eccezzjoni ma tintlaqax mill-Bord, hija tirrimetti ruhha sakemm dawn l-interessi jkunu komputati skont id-dettami tal-ligi u mghotija strettament fejn dovuti;*

10. *Illi rigward I-ahhar talba l-esponenti tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dan l-Onorabbli Bord.*

Ra illi flimkien mal-eccezzjonjiet, l-Awtorita' ppresentat kopja tas-sentenza moghtija minn dana il-Bord, diversament ippresjeduta, fl-24 ta' Marzu 2011. (fol 15).

Sema l-abbli difensuri tal-partijet jittrattaw dana il-punt quddiem il-Bord, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari dwar tali eccezzjoni.

**Ikkunsidra**

Dana il-Bord, f'dana l-istadju, ser jikkunsidra u jiddeciedi biss l-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-intimati, ossija l-eccezzjoni ta' *'res judicata'* kif pprovdut fl-Artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta.

L-Awtorita' intimata tibbaza tali eccezzjoni fuq il-fatt illi r-rikorrenti gia ghamlu l-istess talba fil-kawza fl-ismijet '**Dr Louis Camilleri Preziosi vs Direttur ta' l-Artijiet**' [Rik Nru 12/2008] li giet deciza kontra taghhom minn dana il-Bord, diversament kompost, fl 24 ta' Marzu 2011, u ghalhekk il-kaz kien maghluq.

Sabiex wiehed jifhem it-talba kif dedotta, il-Bord ikollu jara dak mitlub fir-rikors promotur tal-kawza fuq imsemmija w id-decizjoni finali, u ghalhekk, ghall-interjieta tal-process, il-Bord ser jghaddi biex jipproduci s-sentenza moghtija fl-24 ta' Marzu 2011 u mhux appellata:

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi l-esponent huma propjetarji assoluti ta' porzjoni art fabbrikabbli fl-Imriehel limiti Birkirkara tal-kejl ta' circa 980m2 murija fuq il-pjanta annessa mmarkata Dok A, propjeta tal-mittenti, liema porzjoni art tifforma parti mill-art deskritta taht il-paragrafu 18 tad-dikjarazzjoni tal- President ta' Malta ffirmata fit-23 t' April, 1992 (Avviz numru 259 Gazzetta tal-Gvern, kopja Dok B, referenza taghkom L118/91/II/18).

Illi fl-imsemmija avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, li hija dikjarazzjoni maghmula mill-President ta' Malta skond il- Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, gie dikjarat li l-istess porzjoni ta' art kienet mehtiega ghal skop pubbliku skond id- dispozizzjonijiet tal-Kap 88 Ligijiet ta' Malta u li l-akkwist kellu ikun b'titolu ta' xiri assolut.

Illi minn dak iz-zmien 'l hawn l-esponenti ma gew notifikati b'ebda att ta' kwalunkwe natura mill-awtoritajiet kompetenti in konnessjoni mad-dikjarazzjoni fuq imsemmija u lanqas ma gew notifikati b'avviz ta' offerta ta' kumpens (notice to treat) u dana ghalkemm l-awtorita' kompetenti dahlet fizikament zmien ilu fil-pussess ta' l- istess porzjoni art li ilha ghal snintwal isservi bhala triq pubblika. Wisq anqas ma jidher li l-intimata bhala l- awtorita' kompetenti harget Dikjarazzjoni Presidenzjali gdida bl-ammont tal-kumpens offrut kif awtorizzata bil- *transitory provisions* tal-Att XI tal-2002;

Illi l-esponenti talbu diversi drabi lil awtorita' kompetenti biex tkompli bil-procedurio taht il-Kap 88 u dana anki bl- ittri ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2008, (numru 2003/2008) kopja Dok C.

Illi l-esponenti inghataw parir li l-art taghhom fl-1 ta' Jannar, 2005 kellha valur ta' miljun mija erba' u sittin elf Euro (1,164.000 Euro) kif jirrizulta mill-istima tal-AIC Joseph Cassar, esebita bhala Dok D.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li dan il- Bord, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, u kif awtorizzat bl-Artiklu 25 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Jistabilixxi l-kumpens dovut lill-esponenti ghall-akkwist tal-fuq indikata porzjoni ta' art fabbrikabbli fis-somma ta' 1,164,000 Euro jew ammont verjuri li jidhirlu xieraq skond in-natura tal-istess art flimkien mal-imghax jew danni ghall-okkupazzjoni b'effett minn meta l-awtorita' kompetenti hadet pussess tal-istess porzjonijiet art kif jigi stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-kawza sal-gurnata tal- pagament effettiv;

2. Jordna l-pubblikazzjoni ta' l-att publiku relattiv biex l-imsemmija porzjoni art tigi trasferita mill- esponenti lill-awtorita' kompetenti u ghal dan l-ghan jiffissa gurnata, lok u hin u jinnomina Nutar biex jippubblika l- istess att u kuratur ghal kull eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2008 dan l-Onorabbli Bord allokka lill-esponent ghoxrin [20] gurnata sabiex jirrispondi r-rikors intavolat mir-rikorrenti fit-18 ta' Lulju, 2008.

Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent huwa jahseb li dan l- Onorabbli Bord ma huwiex kompetenti li jiehdu konjizzjoni ta' l-imsemmi rikors ghar-ragunijiet li se jigu hawn spjegati.

Illi sabiex rikors jingab quddiem dan l-Onorabbli Bord iridu l-ewwel jigu rispettati l-procedura li hemm deskritta fl- artikolu 22 ta' *l-Ordinanza Dwar l-Akkwist Ta' Artijiet Ghal Skopijiet Pubblici* (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), liema ligi tirregola dan l-Onorabbli Bord.

Illi fil-kaz odjern hemm il-htiega li tigi applikata d- Disposizzjoni Transitorja skond l-Artikolu 9 ta' l-Att I ta' l- 2006, fejn hemm bzonn li tinhareg Dikjarazzjoni tal- President gdida fejn fiha jkun hemm iddikjarat l-ammont li l-awtorita' kompetenti tkun lesta li thallas ghall-art inkwistjoni, flimkien ma' stima li ssir minn perit arkitett u meta jkun disponibbli pjanta ta' l-art deskritta fid- Dikarazzjoni.

Illi wara li tinhareg l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President ghandhom konsegwentament jigu applikati d- disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 ta' Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ikkonfermat fl-Artikolu 9(2)(c) ta' l-imsemmi Att I ta' l-2006.

Illi fil-kaz odjern il-proceduri stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 22 ma gewx irrispettati meta gie intavolat ir-rikors odjern ghaliex m'hemmx Dikjarazzjoni tal-President kif tirrikjedi l- imsemmija Disposizzjoni Transitorja u ghalhekk konsegwentament ma setghux jigu rrispettati l-procedura stabbilita.

Illi fin-nuqqas li tigi rrispettata l-procedura skond l-Artikolu 22 ta' Kap. 88, kif huwa l-kaz odjern, dan l-Onorabli Bord m'ghandux il-kompetenza li jipprocedi billi jisma' l-kaz kif ipprezentat quddiemu.

Illi dan jigi kkonfermat mill-fatt li l-Artikolu 22(7) ta' Kap. 88 jistabilixxi li rikors ghandu jigi pprezentat quddiem dan l- Onorabbli Bord "*.....fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika ta' l-att gudizzjarju mill-awtorita' kompetenti fejn tigi accettata dik il-prova skond is-subartikolu (4).",* liema prova ukoll ghadha ma ngabitx mir-rikorrenti.

Illi in oltre skond l-Artikolu 22(6) l-iskop tar-rikors huwa li l- persuna li jkollha jedd ghall-kumpens tkun tista' tikkontesta l-kumpens offrut mill-awtorita' kompetenti u liema kumpens ikun gie ddepozitat f'kont bankarju ai termini ta' l-Artikolu 22(3) u ghalhekk stante li, fil-kaz odjern, dawn ir-rekwiziti huma kollha nieqsa r-rikors huwa null u bla effett.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiddikjara li r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti huwa null u bla effett stante li huwa nieqes mir-rekwiziti ta' Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti tal-kawza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nullita' tar-rikors promutur stante li dan il-Bord mhux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-istess minhabba l- fatt li l-ligi kif ravvizata fil-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghti ebda jedd lir-rikorrenti jadixxu lil dan il-Bord b'talbiet kif postulati minnhom fir-rikors odjern;

Illi dan huwa esproprju ta' bicca art fl-Imriehel limiti ta' Birkrikara li kienet esproprijata flimkien ma art b'kejl akbar permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tat-23 t'April 1992 kif tidher fl-estratt tal-Gazzetta tal-Gvern esebit bhala Dok B fil-process. Ikun senjalat illi l-akkwist ta' din l-art kien b'xiri assolut. Skond ir-rikorrenti, din il-kawza qed issir a tenur tal-artikolu 25(1)(b)(c)u(f) u li ma hemm l-ebda rimedju iehor hlief dan sabiex ikunu kumpensati ghaliex altrimenti jekk il-Kummissarju tal-Artijiet jaghzel li jibqa' passiv fil-konfront taghhom, huma ma jkollhom ebda rimedju iehor;

Il-Bord gia pruninzja ruhu fuq eccezzjoni simili fil-kawza Ines Calleja et –vs- Direttur tal-Artijiet Rikors 13/2007 deciz illum stess u ghalhekk qieghed japplika l-istess ragunijiet hemm moghtija;

**Skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 jirrizulta illi hemm zewg istanzi meta is-sid esproprijat jista' jintavola proceduri kontra id-Direttur tal-Artijiet bl-iskop li jitlob kumpens xieraq. L-ewwel istanza hija dik ravvizata fl- artikolu 19 fejn sid jista' jadixxi lil dan il-Bord fil-kaz li ikunu ghaddew aktar minn ghaxar snin mit-tehid ta' art ghall-uzu jew pussess u f'dak il-kaz is-sid jista' jitlob li l-art tkun akkwistata b'titolu ta' dominju pubbliku jew li tkun mbattla. Ikun senjalat illi dan ir-rimedju jiskatta biss f'kaz li l-art tkun ittiehdet ghal-uzu jew pussess. It-tieni dritt moghti lis-sid biex jadixxi li dan il-Bord huwa dak ravvizat fl- artikolu 22 (6) tal-Kap 88 senjatament fejn art tkun akkwistata b'titolu ta' xiri assolut u l-esproprijat ma jkunx qed jaccetta l-kumpens offert. Il-punt saljenti hawn huwa t-titolu b'xiri assolut. F'kaz li jinbdew proceduri sia skond l-artikolu 19 kif ukoll skond l-artikolu 22, allura l-Bord jghandu jatghi r-rimedju skond dak ravvizat fl-artikolu 25. Minn ezami tal-fatti, jemergi illi l-akkwist tal-artijiet mertu tal-kawza huma kollha b'titolu ta' xiri assolut li jfisser li l- artikolu 19 huwa 'l hinn mill-portata tar-rikorrenti. Id- dikjarazzjoni tal-President saret fl-1992 u dan skond il-ligi in vigore f'dak iz-zmien fejn l-kawza quddiem il-Bord ma setghetx tkun proposta hlief wara li l-esproprijat ikun irrifjuta il-kumpens offert fl-avviz ghal ftehim (notice to treat), procedura differenti din minn dik introdotta bl- emendi tal-2002 u tal-2006. B'hekk jirrizulta illi r-rikorrenti inqabdu f'dan il-*vacuo* proprju ghaliex huma qatt ma ircevew avviz ghall-ftehim u ghalhekk ma setghux jirrifjutaw il-kumpens li talvolta ikun offert fl-istess avviz biex b'hekk tiskatta l-procedura quddiem dan il-Bord. Jirrizulta ghalhekk illi l-intimat ghandu ragun jecepixxi illi din il-kawza qatt ma kienet proponibbli u ghal dawn il- motivi qieghed jilqa l-eccezzjoni u jichad it-talbiet tar- rikorrenti;** (emfazi ta' dana il-Bord)

Stante l-fatti singolari u innovativi ta' dan il-kaz, il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;

## Ikkunsidra

Jirrizulta, mill-qari tad-decizjoni fuq riprodotta, illi l-azzjoni ittentata mir-rikorrenti precedentement kienet wahda ibbazata fuq l-Artikolu 22 tal-Kap 88, illum abolit.

Jirrizulta ukoll illi, in vista tal-fatt illi l-Kummissarju tal-Artijiet dak iz-zmien kien naqas milli jippubblika Dikjarazzjoni tal-President a tenur tal-Artikolu 9 (2) (c) tal-Att 1 tas-sena 2006, l-azzjoni ittentata mir-rikorrenti giet meqjusa bhala inproponibbli u r-rikors gie dikjarat bhala null u bla effett.

Jirrizulta illi, fil-kaz odjern, l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-Artikolu 64 tal-Kap 573, liema Kap gie promulgat permezz ta' Att Nru XVII tas-sena 2017, u dana fil 25 ta' April 2017.

**Ikkunsidra**

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza '**Charles Cortis vs Francis X Aquilina**' deciza fil 25 ta' Settembru 2003:

> *"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess meritu (eadem casua petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi, jenhtieg li t-tliet elementi jkumu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)."*

Jirrizulta, fil-kaz odjern, illi l-element tal-*eadem res* huwa ppruvat, peress illi z-zewgt kawzi jaghmlu referenza ghall-Avviz Nru 259 ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April 1992.

Jirrizulta wkoll illi, l-element tal-*eadem personae* huwa ppruvat wkoll, peress illi filwaqt illi r-rikorrenti baqghu l-istess, l-intimat, ghalkemm inbidel minn Kummissarju tal-Artijiet ghall Awtorita' tal-Artijiet, baqa' in principju dejjem l-istess persuna, ossija dik illi tiggestixxi l-artijiet tal-Gvern.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-element tal-eadem causa petendi ma giex ippruvat mill-awtorita' intimata. Dana qieghed jinghad ghax, fil-kawza intavolata fis-sena 2008, r-rikorrenti dak iz-zmien kienu qieghed jintavolaw il-proceduri a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 88, illum abolit, filwaqt illi fil-proceduri odjerni, r-rikorrenti qed jintavolaw l-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap 573.

Jirrizulta wkoll illi, abbazi tas-sentenza fuq citata, l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti abbazi tal-Artikolu 22 tal-Kap 88 kienet wahda inproponibbli 'ab initio' stante illi biex jiskatta d-dritt stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Kap 88 kien jenhtieg illi tigi ppubblikata Dikjarazzjoni tal-President tal-Malta a tenur tal-Att 1 tal-2006, liema pubblikazzjoni qatt ma kienet saret, u ghalhekk qatt ma ttiehdet dcizjoni finali abbazi tal-azzjoni intavolata mir-rikorrenti.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi fil-kaz odjern, l-Artikolu 64 jipprovdi ghall azzjoni li r-rikorrent dina d-darba setghu jniedu, fejn din tipprovdi dan li gej:

> Meta art tkun soġġetta għal dikjarazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u l-Gvern ikun ħa l-pussess tagħha iżda ma jkun qatt inħareġ avviż tal-ftehim jew ikun ġie indikat il-kumpens għall- akkwist ta' dik l-art, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal- Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità.

Huwa car illi l-azzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kap 573 ma hijiex l-istess tip ta' azzjoni ittentata precedentement mir-rikorrenti, liema azzjoni kienet ukoll dikjarata bhala nulla stante illi mhux improponibbli.

Ghalhekk l-element tal-eadem causa petendi ma jirrizultax ippruvat, bir-rizultat illi l-eccezzjoni ta' res gudikata ma tistax tirnexxi.

Il-Bord ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni ta' 'res gudikata' imqajjma mill-intimati u jordna illi l-kawza titkompla bis-smiegh tal-provi.

**Magistrat Dr Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur